# TRIBUNAL INDUSTRJALI

# Decizjoni Nru. 1932

Kaz Nru 2296/AC

Fil-Kwistjoni tax-xoghol
bejn
Ivan Cilia La Corte
u
J. Grima & Co. Ltd (C16873 )

*Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

Ilum it-Tnejn 20 ta' April 2009

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Rikors fir-Registru Tal-Qorti Superjuri f'isem Ivan Cilia La Corte, aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant, mill-Avv Michael Tanti-Dougall, fejn qieghed jghid illi din it-tkeccija mill-impieg ma kinitx ghal raguni tajba u sufficjenti ai termini ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impieg u r-Relazzjonijiet Industrijali (Att Nru. XX11 ta' l-2002)

Is-Sur Claude Grima, Direttur deher ghal-Kumpanija J.Grima & Co Ltd. aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta appellata assistit mill-Avv Christian Grima.

It-Tribunal zamm tnax (12) il-seduta.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

L-appellant jghid illi beda fl-impieg ma' J. Grima and Co. fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru 2001 bhala *full time labourer* liema xoghol kien jikkonsisti primarjament illi jghin it-technicians fix-xoghol taghhom li jikkonsisti f'xoghol ta' l-idejn bhal li jghaddu xi cables jew affarijiet ohra li ma jirrikjedux xi tip ta' sengha jew stharrig.

Wara xi sentejn Claude Grima li huwa l-imghallem tieghu qabbdu biex jibda jaghmel xi xoghol zghir ta' *welding* billi jwahhal xi *"bracket"* Dan ma kienx xoghol ta' periklu. Gara illi ftit wara dan ix-xoghol zdid sa meta fl-ahhar beda jiwweldja anki bibien. Kien sahansitra qabbdu jibni speci ta' "crane' tal-hadid.
Jghid illi x-xoghol tieghu huwa ta' Labourer u mhux ta' welder meta ma ghandux l-istharrig necessarju biex jaghmel dan ix-xoghol.
Kien imqabbad jaghmel xoghol ta' welding ta' bibien u *gates* go bank u djar privati. Gara illi darba kien f'dar privata waqt li kien qed jaghmel xi xoghol ha xokk mill-elettriku kagun illi ma kienx attrezzat bl-ghodda mehtiega. Ghamel xoghol ukoll ta' *partition* tal-hadid bil-welding fl-OPM, Kastilja fejn ihossu inkwitat fuq dan ix-xoghol kollu ta' welding li ghamel f'dawn il-postijiet ghaliex ma huwiex mistharreg f'dan it-tip ta' xoghol.

Fit-tmienja (8) ta' Marzu 2005 informa lill-imghallem tieghu li ma riedx jibqa jaghmel xoghol ta' welding ghar-ragunijiet imsemmija peress illi hu ma kienx mistharreg biex jaghmel dan it-tip ta' xoghol. L-imghallem b'reazzjoni ghal dak li hu infurmah qallu illi m'ghandux iktar xoghol ghalieh u pproponielu illi jibqa' mpjegat mieghu fuq bazi part-time tant illi dakinhar stess ipprezentalu formola ta' dikjarazzjoni ta' tmiem ta' impieg, iffirmata minnu u datata 8 ta' Marzu 2005 u ohra ta' bidu ta' impieg fuq bazi part-time iffirmata minnu datata 9 ta' Marzu 2005 sabiex ikun jista' jispicca mix-xoghol bhala full-time u jibqa part-time.
Jghid illi huwa rrifjuta li jiffirma dawn il-formoli ghaliex innota illi bhala raguni ghat-tmiem ta' impieg hu ma riedx jibqa' jahdem "welder". Ikkonsulta lil-Labour Office, dawn infurmawh illi jekk jaccetta tali raguni ghat-tmiem ta' impieg dan kien jirrizulta illi ma kienx ikkun intitolat ghall-beneficcji li jinsabu taht "Part One" u cioe' ma jkunx intitolat ghall-hlas tan-notice, ghall-bonuses u beneficcji ohra.

Fuq il-parir tal-Labour Office rega mar ghand l-imghallem u staqsieh biex ibiddel ir-raguni ghat-tmiem ta' impieg, b'dan illi jsemmi r-raguni proprja ghat-terminu u cioe' illi ma kienx mistharreg li jaghmel dak it-tip ta' xoghol. L-imghallem ma qabilx illli ibiddel ir-raguni ghat-terminu ta' l-impieg tant illi ddispona mill-formola

ta' dikjarazzjoni tat-terminu ta' l-impieg u ftit tal-jiem wara fit-18 ta' Marzu 2005 ipprezenta formola ta' dikjarazzjoni ta' tmiem ta' impieg lill-ETC, f'liema formola r-raguni moghjtija ma qabilx mahha ghaliex skont ma spjegawlu l-Labour Office, hu ma kienx iktar impjegat ma' l-imghallem.

Is-socjeta appellata fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tghid illi mhux minnu lis-socjeta appellata kecciet lill-appellant ingustament. Illi l-appellant, b'ingann, wara illi huwa stess iddikjara mad-Direttur u ma rapprezentanti ohra fi hdan is-socjeta appellata illi hu ma riedx ikompli jaghmel ix-xoghol illi kien jaghmel u wara li accetta illi jibda jahdem part-time u wara illi inghata l-formoli ta' terminazzjoni ta' full-time u bidu ta' part-time sabiex jiffirmhom dawn ikunu jistghu jigu pprezentati lill-ETC, hadhom mieghu u iddecida unilateralment ma jaghmel xejn hlief li jabbanduna x-xoghol minghajr ebda raguni valida fil-ligi u minghajr ma nforma lis-socjeta.

Illi l-appellant mhux minnu illi gie mkecci mix-xoghol izda jidher li l-uniku interess illi kellu kien illi jabbanduna x-xoghol kif effettivament ghamel u jirregistra ghax-xoghol u jabbuza mill-beneficcji socjali tant illi wara trapass ta' gimgha jew iktar kien tfacca fl-ufficcju tas-socjeta appellata fejn irrikatta lid-Direttur illi jekk ma kienx ser jiffirma terminazzjoni tal-impieg a bazi ta' redundancy jew li gie mkecci kien ser jitlef id-dritt li jirregistra u jekk dan isehh, kien ha jharrku quddiem it-Tribunal.

**Provi**

Xhud Donna Scicluna, Segretarja, qalet li l-appellant kien jahdem bhala Labourer li kien fuq *locks*, jaghmel welding u xi affarijiet ohra li jkun hemm bzonn. Kienet staqsiet lill-ETC jekk tistghax taghmillu illi jispicca minn full time u jibda part-time. Claude qallha biex timlihom il-formoli u tghatihom lil appellant meta jidhol. L-appellant ma iffermahomx qallha biex jehodhom id-dar, staqsiet lil Claude Grima u qallha iva ghatihomlu. Il-formoli baqgha ma tghahomliex.

Qalet ukoll kien johrog mat-technicians u kien jaghmel xogholijiet ta' welding. Mistoqsija mill-legali ta' l-appellant jekk kienx hemm indikat fil-posting biex juza l-

welding, ix-xhud qalet, ma tafx jekk welding taqax taht Labourer. Imma welding kien jaghmel.

Xhud Claude Grima, Direttur tas-socjeta appellata. Qal illi kien ilu madwar sitt snin jahdem mal-kumpanija. Dahal bhala Unskilled Labourer fuq paga minima. Beda juri li kien kapaci illi jista' jiffitja seratura u welding. Maz-zmien wera li kien tajjeb u beda jiehu allowances over and above il-paga minima ghaliex ma kienx Unskilled, kien Skilled.

Gara li beda jmajna f'xogholu. Igib l-affarijiet bi kbar. Kien tah warning biex jibdel l-attitudni u naqqaslu l-allowances. Kien qallu li ma jixtieqx iktar jahdem fuq welding.

Ix-xhud qallu illi dik ghazla tieghu imma l-allowances ha jispiccaw u staqsieh jekk isibx diffikulta li jahdem part-time u qallu le. Ix-xhud qal illi beda jipprepara permess ta' Donna, is-segretarja biex tara mal-ETC x'jrid isir biex jibda jahdem part-time. Kien ghamel nota to whom it may concern fejn qal illi huwa u l-appellant qed jiftehmu li minn full-time ha jigi part-time u illi qablu. Meta saru l-formoli tal-ETC biex minn full-time jigi part-time l-appellant talab biex jiehu il-formoli id-dar u x-xhud qallu iva. L-ghada meta rritorna ghax-xoghol ma ghabhomx il-formoli mieghu. Wara xi ghoxrin minuta qal li ma jiflahx u talab biex imur. Kien rega gie mhux ghax-xoghol u talab biex issirlu karta biex hu jkun jista' jiehu l-beneficcji socjali u biex jirregistra.

Xhud Sandro Galea, jiehu hsieb it-technicians, qal illi meta li l-appellant kien jahdem maghhom kien jahdem sew u kien jidher li hu ghal qalbu. Qal illi hu jaghtihom ix-xoghol, ikun maghhom f'xi hin jghidilhom x'ghandhom jaghmlu u wara jekk ikollhom xi diffikulta icemplulu. L-appellant kien jghidlu illi kien imdejjaq. Mistoqsi mit-Tribunal dwar x'kienet il-pozizzjoni tax-xoghol tieghu fil-kumpanija x-xhud qal illi l-istallazzjoni hija maqsuma f'zewg partijiet, jigifieri ghandhek bzonn zewg tipi ta' nies. Nies illi jghaddu cables, forsi anke pajpijiet, tqattieh ta' xi trinka u welding, li dawn isejhulhom il-first fix, dan jaqa taht l-appellant, imbaghad jidhol it-technician biex iqabbat l-apparat kollu flimkien

generalment go control unit li tkun il-mohh tas-sistema, jittestja t-technician u jara li kollox hu sewwa.
Xhud Michelle Aquilina mill-ETC, qalet illi mill-file ghandha illi l-appellant kien tkecca bir-raguni ta' dixxiplina u wkoll illi l-employer qallhom illi tkecca b'dixxiplina u zied jghid, *"stop attending for work despite being asked to do so repeatedly".*

Xhud Ian Meli, Employment Relations Officer fid-Department tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impieg, qal illi Ivan Cilia La Corte kien allega illli kellu xi ammonti dovuti ta' pagi, notice, allowances u bonus. Bhala pagi kienu tkellmu nnizjalment fuq pagi sat-18 ta' Marzu 2005 ghax kellhom dokument illi juri fit-termination form tal-ETC u u illi tghid tkecca b'dixxiplina. Hemm ukoll nota mportanti li tghid illi dan, *"stopped attending for work despite being asked to do so repeatedly, this is up to 22nd March 2005"* iffirmata mid-Direttur.

L-appellant wara ipprovda kopja ohra ta' termination form illi milli jidher ma gietx moghtija lill-ETC. Qal illi skont l-appellant din il-formola saret qabel it-termination form l-ohra pero din ma baghtuwiex l-ETC. Qal illi din hija dikjarazzjoni ohra ta' l-istess kumpanija li tghid b'mod differenti dwar x'inhi t-tmiem tal-impieg tieghu. Peress illi d-data tat-tmiem tal-impieg ta' l-appellant kien it-8 ta' Marzu 2005 u mhux fit-18 ta' Marzu 2005 bhal l-ohra, sar aggustament fil-claim fejn l-mpjegat qabel maghha u l-paga giet aggustata sat-8 ta' Marzu 2005 minflok sat-18 ta' Marzu 2005.

Mistoqsi mill-legali tal-appellant dwar illi l-appellant kien bhala Labourer u kien gie mghoti xoghol ta' welding. Ix-xhud qal illi hu kien infurmat illi kienu jtuh xoghol ta' welding avolja ma kienx kwalifikat bhala welder. L-appellant kien ordnat, dejjem kif qal l-appellant biex jahdem fuq xi bieb u peress illi kien ta' xi periklu sew ghall haddiehor u wkoll ghalieh u minhabba li ma riedx jaghmlu dan ix-xoghol ghax ma kienx kwalifikat ghalieh, qalulu illi xoghol mhux ta' welder ma ghandhomx ghalieh u offrewlu illi jigi part-time.

F'dokument li kellu minghand il-kumpanija qal illi jghid, *"On the 8th March 2005 he said he wished to stop welding, at the same time we agreed both of us that the allowances willl be terminated and will start working part time. During the conversation he begged me to terminate his employment so he can register for benefits"*

Mistoqsi mill-legali tal-appellant jekk id-dokument hux iffirmat, irrisponda illi e-mail ma jkolliex firma. Mistoqsi jekk ghandux xi konferma minn-naha tal-appellant li kien hemm qbil bejn is-Sur Grima u l-appellant ix-xhud irrisponda illi ma kienx hemm qbil.

Xhud L-appellant jghid ili meta dahal jahdem mas-socjeta appellata ma kienx jiwweldja fix-xoghol tieghu, izda kien jghaddi xi cables. Wara l-imghallem beda jqabbdu jwweldja affarijiet zghar bhal xi bicca hadida.

L-imghallem kien urieh kif jwweldja u bil-mod beda jidhol f'dak ix-xoghol ta' welding u spicca jaghmlu hu dan ix-xoghol ta' welding minhabba f'hekk qal illi iddejjaq. Qal ukoll lill-imghallem illi hu ma dahalx fl-impieg bhala welder u ghalhekk ma jistax jibqa' jiwweldja aktar. L-imghallem qallu li ma ghandux xoghol ghalieh jekk ma hux se jiwweldja aktar. L-imghallem kien offrielu xoghol part-time minflok full-time. L-appellant ma kienx dispost li jaccetta li jahdem part-time u talab lill-Claude Grima, l-imghallem, biex jaghmillu li spicca sabiex ikun jista' jiehu l-beneficcji necessarji.

L-appellant gie ipprezentat bil-formoli ta' Termination u Commencement ta' part-time. L-appellant talbu biex jehodhom mieghu d-dar u jerga jigibhom lura. Il-formoli kienu ffirmati mill-imghallem u l-appellant ma iffirmahomx.

**Konsiderazzjonijiet**

L-appellant beda fl-impieg tieghu mas-socjeta appellata fis-26 ta' Dicembru 2001 sat-18 ta'Marzu 2005. Kien impjegat bhala Labourer. Matul iz-zmien fl-impieg l-appellant kien jaghmel xoghol ta' welding ta' natura hafifa billi jiwweldja xi serraturi u affarijiet ohra simili. Matul iz-zmien skond id-Direttur tas-socjeta appellata l-appellant beda juri nteress u l-istess Direttur urieh kif ghandu jaghmel

certu xoghol ta' welding, liema xoghol jghid id-Direttur is-Sur Claude Grima, l-appellant wera nteress u kien sahansitra ntuzzjazmat li jitghallem.
L-appellant jghid illi matul iz-zmien beda jinghata xoghol ta' welding illi kien ta' natura aktar differenti minn dak li kien inghata tant illi kien ghamel xi xoghol ta' welding li hassu mbezza bieh peress illi ma hux kompetenti ghal tali kwalita ta' xoghol. Ghalkemm ix-xoghol ta' welding ma kienx ta' persentagg gholi xorta jghid l-appellant illi hu ma kienx persuna kompetenti ghax qatt ma tghallem jew ha xi *course* simili.

Jidher car minn dak li qal l-appellant illi ix-xoghol ta' welding kien qed jaghmlu diskuntent u f'xi mumenti kwazi mbezza li minhabba nuqqas ta' kapacita fis-sena. Is-socjeta appellata tghid illi l-appellant beda juri nuqqas ta' interess tant illi s-Sur Claude Grima qallu li kien sejjer inehhilu l-allowances u l-bonus jekk se jibqa ma jurix interess fix-xoghol.

Is-Sur Sandro Galea i/c Technicians, fis-seduta tat-2 ta' Frar 2006 qal illi bhala l-persuna nkarigata mill-haddiema kien jitkellem ma' l-appellant tant illi fil-perjodu li kien jahdem maghhom kien jahdem sew u kien jidher li hu ghal qalbu. Gara illi fl-ahhar kien iddejjaq u sar jaf b'dan ghax kienu jitkelmu.

Mill-provi jirrizulta illi l-appellant ghamel xoghol ta' welding meta kien impjegat bhala Labourer. Dan it-tip ta' xoghol ta' welding kien isir f'mumenti relattivament qosra hafna. In vista tal-karga tieghu ta' Labourer l-appellant naqas milli jiehu dawk il-passi kollha mehtiega u rrifuta li jaghmel xoghol ta' welding dakinhar illi gie mgieghel jaghmel dan il-kwalita ta' xoghol.

Minn dak li qal is-Sur Sandro Galea l-appellant kien bniedem li jippermetti li jitghallem kif l-istess qal is-Sur Claude Grima illi mill-bidu tieghu fl-impieg wera li jrid jitghallem tant illi kien tah l-allowances u bonus ta' dan ix-xoghol. Huwa fatt accettat illi x-xoghol ta' welding ma kienx process kontinwu izda skond is-Sur Sandro Galea kien ta' madwar tnejn fil-mija

L-appellant kien ilu jaghmel xoghol ta' welding avolja kien Labourer. Ma kienx mill-ewwel zmien illi gie mghoti dan ix-xoghol ta' welding illi wera li ma jridx jew ma jixtieqx jaghmel dan it-tip ta' xoghol;
Il-fatt illi ghamel dan ix-xoghol ta' welding ghal xi zmien fl-impieg tieghu ma jistghax jigi accettat il-fatt illi ghax hu kien Labourer ma hux suppost li jaghmlu ga la darba kien accetta minn qabel li jaghmel dan it-tip ta' xoghol ta' welding.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra u ezamina x-xhieda prodotta, ra d-dokumenti esebiti, ra t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi t-terminazzjoni tal-impieg tal-appellant mas-socjeta appellata kienet ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

Ghall-fini ta; l-Avviz Legali Numru 48 tal-1988, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Ewro 93.17 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

__________________

**Alphonse Caruana**
**Chairman**